MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2009

Rikors Numru. 1200/2008

Fl-atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Qbid Numru 1573/08 fl-ismijiet:

**M.I.M.S. SUPPLIES LIMITED**

vs

Ivan **CALLEJA**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fl-1 ta’ Diċembru, 2008, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, r-rikorrent Ivan Calleja (aktar ’il quddiem imsejjaħ “l-eżekutat”) talab li din il-Qorti tqiegħed dan ir-rikors (flimkien ma’ tnejn oħra li huwa ressaq fl-istess waqt) għas-smigħ b’urġenza, u tħassar il-Mandat ta’ Qbid kawtelatorju mill-intimata M.I.M.S. Supplies Limited (aktar ’il quddiem imsejħa l-“eżekutanti”) fid-9 ta’ Ottubru, 2008, għall-finijiet tal-artikolu 836(1)(b)(d) u (f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat id-degriet tagħha tas-16 ta’ Diċembru, 2008, li bih ordnat in-notifika lill-intimata eżekutanti u appuntat ir-Rikors għas-smigħ tad-9 ta’ Jannar, 2009;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimata eżekutanti fid-9 ta’ Jannar, 2009, li biha laqgħet għat-talba tal-eżekutat billi, b’punt preliminari, qalet li r-rikors ma jiswiex għaliex tressaq fl-atti tal-kawża minflok fl-atti tal-Mandat li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li l-ebda waħda mill-kawżali maħsuba mil-liġi biex twassal għat-tħassir tal-Mandat ma tgħodd għaċ-ċirkostanzi ta’ l-mandat mertu tal-każ;

Rat il-provi dokumentali mressqa mill-eżekutanti;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti tal-Mandat kawtelatorju li għalih jirreferi r-Rikors tal-lum;

Rat id-degriet tagħha tat-22 ta’ Jannar, 2009, li bih ħalliet ir-Rikors għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni maħsuba taħt l-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta. Ir-rikorrent jrid li jitneħħew l-effetti ta’ Mandat ta’ Qbid kawtelatorju maħruġ kontrih mill-eżektanti fid-9 ta’ Ottubru, 2008, biex tħares

pretensjonijiet li l-istess eżekutanti ressqet permezz ta' kawża[1] miftuħa kontrih dak inhar stess;

Illi r-raġunijiet imressqin mir-rikorrent huma: (a) li waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-Mandat m'għadhiex fil-fatt teżisti; (b) li l-ammont mitlub fil-Mandat mhux *prima facie* mistħoqq jew huwa eċċessiv; u (ċ) li fiċ-ċirkostanzi, m'huwiex raġonevoli li l-Mandat jibqa' fis-seħħ;

Illi, kif ingħad bosta drabi fi proċeduri bħal dawn, l-istħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti huwa biss wieħed *prima facie* u dan għaliex il-mertu jmissu jiġi mistħarreġ fil-kawża proprja bejn il-partijiet[2]. Għalhekk, hija l-fehma tal-Qorti li m'huwiex meħtieġ li tifli fil-mertu l-kwestjonijiet li nqalgħu bejn il-partijiet u li wasslu għall-ħruġ tal-Mandat;

Illi minn <u>dak li jirriżulta mill-atti</u> u li huwa rilevanti għad-determinazzjoni ta' dawn il-proċedimenti, joħroġ li l-Mandat relattiv inħareġ dwar "sorti" ta' €580,000[3] u b'kawżali li tgħid li dik is-somma tirrappreżenta "ammont kalkolat biss għall-finijiet ta' dan il-Mandat in konnessjoni ma' danni kaġunati mill-intimat u sofferti mir-rikorrenti liema pretensjoni ġiet dedotta permezz ta' rikors ġuramentat fl-istess ismijiet intavolat kontestwalment mal-preżenti". Tali pretensjonijiet joħorġu minn tmiem ta' rabta kummerċjali bejn ir-rikorrent u l-intimata eżekutanti nfisha – li tixlih b'għamil kontra l-interessi tagħha[4] u wkoll bi ksur ta' rabta fiduċjarja li hu, bħala direttur tal-istess kumpannija, messu wera fin-negozju tiegħu ma' terzi[5];

Illi l-Qorti issa sejra tgħaddi biex tqis <u>l-aspetti ta' dritt li jsawru l-każ</u> u dan skond il-kawżali speċifiċi tal-liġi li fuqhom ir-rikorrenti jsejjes it-talba tiegħu. Qabel xejn, il-Qorti trid tistħarreġ "eċċezzjoni preliminari" mqanqla mill-eżekutanti intimata dwar is-siwi tar-rikors. Hija tgħid li r-rikors ma jiswiex għaliex tressaq b'intestatura li tirreferi għall-atti tar-Rikors Maħluf u mhux bħala rikors fl-atti tal-

[1] Rik. Nru. 1025/08JRM
[2] Ara P.A. RCP **7.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Visa Investments Ltd. vs Blye Engineering Co. Ltd***
[3] F'paġġ. 24 – 7 tal-atti
[4] Taħt l-art. 136A tal-Kap 386
[5] Art. 1124A tal-Kap 16

Mandat. Fis-sewwa jrid jingħad li m'huwiex minnu li r-rikorrent ressaq ir-rikors "Fl-atti tar-Rikors Maħluf", imma semma r-Rikors maħluf u semma wkoll "Wara l-Mandat .....". Minbarra dan, hekk kif tressaq ir-rikors preżenti, dan ingħata mir-Reġistratur tal-Qorti numru ta' sekwenza separata kemm mir-Rikors Maħluf u kif ukoll mill-atti tal-Mandat;

Illi ngħad kemm-il darba li l-kwestjoni tas-siwi ta' att ġudizzjarju ma tridx tittieħed bħala skuża biex proċedura titwaqqaf għal xejn b'xejn. L-eċċezzjoni tan-nullita' tal-atti ġudizzjarji hija maħsuba biex iżżomm il-mixi 'l quddiem ta' att ġudizzjarju biss fiċ-ċirkostanzi speċifiċi maħsuba fl-artikolu 789 tal-Kodiċi. Fuq kollox, biex tintlaqa' eċċezzjoni bħal dik (speċjalment meta din titkellem dwar nuqqas fil-forma tal-att li jkun) irid jintwera li, b'dak in-nuqqas, il-parti li kontra tagħha jkun tressaq dak l-att tkun ġarrbet ħsara li ma tistax tissewwa mod ieħor jekk mhux bit-tħassir tal-att;

Illi, fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, ma hemmx iċ-ċirkostanzi li jwasslu għal din is-sanzjoni qalila. Mkien fil-liġi ma jingħad kif għandu jkun intestat rikors imressaq biex jitlob it-tħassir ta' Mandat kawtelatorju. Fit-tieni lok, l-"okkju" tar-rikors imressaq mill-eżekutat fih tagħrif meħtieġ u komprensiv li bih wieħed jista' jagħraf għal liema rimedju l-istess rikorrent qiegħed jimmira. Fit-tielet lok, l-intimata eżekutanti ma wrietx kif, bl-allegat nuqqas ta' ħarsien tal-forma tal-att, hija ġarrbet jew qiegħda ġġarrab xi ħsara li tellfitha milli tiddefendi ruħha kif imiss għat-talbiet tar-rikorrent;

Illi, għalhekk, il-Qorti qiegħda twarrab bħala mhux mistħoqqa din il-preġudizzjali tal-intimata;

Illi issa li l-Qorti wriet il-fehma tagħha li l-"eċċezzjoni" preliminari tal-intimata eżekutanti m'hijiex sejra tintlaqa', imiss li wieħed iqis it-talbiet tar-rikorrent fil-"mertu". Għandu jingħad li dak li din il-Qorti trid tasal għalih f'din il-proċedura m'għandu bl-ebda mod jitqies li jkun qiegħed isir xi ġudizzju fil-mertu dwaru. L-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma' eżami x'aktarx

formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv[6];

Illi r-rikorrenti jsemmi tliet kawżali li dwarhom jistenna li t-talbiet tiegħu jiġu meqjusa:

A) Il-kawżali li waħda mill-ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ tal-Mandat m'għadhiex teżisti [Art. 836(1)(b)]. Din id-dispożizzjoni, skond il-kliem użat fiha, ġiet imfissra bħala riferenza għal xi waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju li kienet teżisti fil-waqt tal-ħruġ tal-istess att iżda li, wara l-ħruġ tal-istess Mandat, ma baqgħetx teżisti iżjed[7]. Għalhekk, jekk wieħed irid jimxi ma' tali tifsira, wieħed irid juri li l-ħtieġa għall-ħruġ tal-Mandat trid tkun naqset wara li nħareġ l-att;

Illi l-ħtiġiet li l-liġi proċedurali titlob sabiex persuna tista' toħroġ Mandat kawtelatorju huma li (a) jkollha pretensjoni ta' dritt kontra l-persuna li dwarha jinħareġ il-mandat; (b) li (flimkien mal-att jew fi żmien preskritt wara) ssir kawża li fiha tiġi mistħarrġa sewwasew dik il-pretensjoni ta' dritt, (ċ) li l-Mandat irid ikun iħares ir-rekwiżiti mitluba mil-liġi dwar il-ħruġ tiegħu u (d) li tali Mandat jinħareġ u jiġi esegwit taħt ir-responsabbilta' tal-persuna li tkun talbitu;

Illi minn dak li għandha quddiemha l-Qorti f'dawn l-atti, jidher li taħt din il-kawżali l-eżekutat jilminta minn żewġ aspetti: l-ewwel waħda dwar is-setgħa ta' min talab il-ħruġ tal-Mandat li jagħmel talba bħal dik u t-tieni waħda dwar nuqqas f'waħda mill-elementi ewlenin meħtieġa mil-liġi fl-att innifsu;

Illi dwar l-ewwel ċirkostanza, ir-rikorrent jgħid li l-eżekutanti ma kellha l-ebda jedd titlob il-ħruġ tal-Mandat, ladarba l-istess rikorrent huwa azzjonista tagħha f'ħamsin fil-mija (50%) tal-ishma tagħha u ladarba ma saret l-ebda laqgħa tal-kumpannija li fiha ngħatat lil xiħadd l-

---

[6] Kumm GMA **23.6.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Ħili et vs Dr. Joselle Farruġia noe et*** (mhix pubblikata)

[7] Ara P.A. GC **3.8.2001** fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Dr. Tonio Fenech noe et vs Dr. Patrick Spiteri noe et noe***

awtorizzazzjoni biex jitressaq il-Mandat u jinbdew kontrih xi proċeduri bil-Qorti. B'mod partikolari, jisħaq li l-azzjonist l-ieħor – Prinz International Limited, kif rappreżentata mill-azzjonist waħdieni tagħha, Michael Baldacchino, li kien il-persuna li ħalfet il-Mandat – ma kellu l-ebda setgħa li jiddeċiedi waħdu u jieħu f'idejh is-setgħa li jmexxi bil-Qorti kontrih;

Illi, bla ma din il-Qorti tidħol fi kwestjonijiet li jmissu l-mertu tal-każ u li jistgħu jkunu mistħarrġa xorta waħda fil-waqt xieraq tas-smigħ tal-kawża, jidhrilha li dan l-argument tar-rikorrent m'huwiex ta' min joqgħod fuqu. Fl-ewwel lok, ma jridx jintesa li r-rikors għall-ħruġ tal-Mandat sar mill-kumpannija M.I.M.S. Supplies Limited u mhux minn Prinz International Limited. Fit-tieni lok, il-Memorandum innifsu tal-kumpannija eżekutanti jgħid li r-rappreżentanza ġudizzjali tagħha hija mħollija f'idejn Michael Baldacchino[8] – għalhekk, ma kien hemm għalfejn l-ebda deċiżjoni mill-kumpannija biex tawtorizza lil Baldacchino biex imexxi kontra r-rikorrent. Dik l-awtorizzazzjoni kienet tkun meħtieġa kieku l-kumpannija riedet taħtar lil ħaddieħor biex jidher għaliha. Fit-tielet lok, iċ-ċirkostanza li jsemmi r-rikorrent kienet waħda li kienet teżisti sa mill-waqt li nħareġ il-Mandat u mhux tnisslet wara u għalhekk, fid-dawl ta' dak li ngħad aktar qabel, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 836(1)(b) ma jgħoddux għal-każ, għaliex din m'hijiex ċirkostanza li seħħet f'xi żmien wara li ħareġ il-Mandat;

Illi dwar it-tieni ċirkostanza, ir-rikorrenti jgħid li l-intimata eżekutanti naqset li tħares dak li jitlob l-artikolu 831(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta billi ma semmietx "l-oriġini u x-xorta tal-kreditu jew pretensjoni" tagħha fuq il-wiċċ tal-Mandat;

Illi l-Qorti ssib li hawn jgħodd ukoll dak li qalet aktar 'il fuq meta stħarrġet il-kwestjoni tal-"eċċezzjoni" preliminari tal-intimata. Minn eżami u qari mqar mad-daqqa t'għajn tal-Mandat, joħroġ ċar li l-kawżali tal-intimata eżekutanti hija waħda ta' danni (*da liquidarsi*) reklamati fil-konfront tar-

---

[8] Ara Dok "A", f'paġ. 7 tal-atti

rikorrent. Għal din il-Qorti, dik it-tismija hija biżżejjed biex tagħti ħjiel dwar in-natura tal-pretensjonijiet tal-intimata fil-konfront tar-rikorrent. M'hemmx għalfejn li min joħroġ Mandat joqgħod ifisser fit-tul id-dettal tal-kreditu jew tal-pretensjoni li tkun. Ikun biżżejjed li, fi ftit kliem, jagħti stampa ċara ta' dak il-jedd (jew pretensjoni) li huwa jkun irid jikkawtela bil-ħruġ tal-Mandat li jkun. Hawn ukoll irid jingħad li l-kawżali magħżula mill-intimata kienet imsemmija sa mill-waqt li tressaq il-Mandat u ma saritx wara dak inhar, u għalhekk ukoll l-ilment tar-rikorrent ma jistax jitqies taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 836(1)(b);

Illi, għalhekk, il-Qorti ssib li r-rikorrent ma seħħlux juriha raġuni tajba għaliex il-Mandat għandu jitħassar taħt din il-kawżali;

B) <u>L-ammont mitlub m'huwiex *prima facie* ġustifikat jew hu eċċessiv</u> [Art. 836(1)(d)]. Din il-kawżali jidher li tinbena fuq l-argument li l-intimata semmiet somma esaġerata bla ma tat ħjiel ta' kif waslet għal dak l-ammont jew ma' liema żmien rabtitu. Ir-rikorrent ikompli jżid li għandu għaliex jaħseb li Michael Baldacchino niseġ pjan biex, taħt l-iskuża ta' Mandat maħruġ minn M.I.M.S. Supplies Limited, jipprova jaġixxi fl-interessi personali tiegħu jew tal-kumpannija Prinz International Limited (li tagħha huwa l-azzjonist u direttur waħdieni) dwar kreditu li jgħid li għandu kontrih;

Illi l-intimata eżekutanti tgħid li s-somma minnha msemmija hija waħda raġonevoli u bl-ebda mod eċċessiva. Ma tantx tgħid iżjed minn hekk ħlief li tissuġġerixxi li l-Qorti m'għandhiex tidħol f'din il-kwestjoni f'din il-proċedura imma għandha tagħmel l-istħarriġ tagħha dwar l-ammont ta' danni lilha dovuti waqt is-smigħ tal-kawża fil-mertu;

Illi l-Qorti tifhem li l-kejl li għandu jittieħed biex jitqies it-tħassir ta' Mandat kawtelatorju taħt din ir-ras huwa wieħed li jorbot il-kawżali tal-istess Mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li l-intimat eżekutant għandu bażi ta' pretensjoni (dak li f'oqsma oħra ta' dritt

jissejjaħ il-"*fumus juris*" tal-pretensjoni dedotta), u fit-tieni lok jekk wasalx biex "jillikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnu maħluf fil-Mandat. Wieħed m'għandu qatt jinsa li, f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza, u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti[9];

Illi hija l-fehma tal-Qorti li biex ammont mitlub f'Mandat kawtelatorju jitqies bħala wieħed "eċċessiv", irid jintwera li bejn il-jedd pretiż u l-ammont maħsub li jħares dak il-jedd ikun hemm nuqqas ta' qbil lampanti li s-sens komun u ċ-ċirkostanzi tal-każ ma jistgħux iżewġu ma' xulxin. Il-fatt li ammont mitlub f'Mandat kawtelatorju ikun jidher li huwa xi ftit ogħla minn dak li, mad-daqqa t'għajn, jidher xieraq, ma jwassalx tabilfors għat-tħassir tal-Mandat li jkun iżda, l-iżjed, għat-tnaqqis tal-ammont sekwestrat[10]. Minħabba li l-artikolu 836(1) jirreferi għat-tħassir "għal kollox jew f'parti minnu" tal-Mandat, tali tnaqqis jista' jkun ukoll wieħed mir-rimedji li l-Qorti tista' tagħti lill-parti eżekutata fi proċedura bħal din;

Illi f'dan il-każ il-Qorti ssib li l-intimata eżekutanti ma tat l-ebda ħjiel kif waslet għas-somma tal-pretensjoni tagħha. Tgħid biss li l-istħarriġ tas-somma xierqa għandu jsir waqt is-smigħ tal-kawża fil-mertu u mhux f'din il-proċedura. Huwa fatt li l-ammont imsemmi fil-Mandat ingħata b'ġurament minn min ħareġ il-Mandat u taħt ir-responsabbilta' tiegħu, u huwa fatt ukoll li ma tressaq l-ebda dokument soċjali mill-ebda waħda mill-partijiet biex juri bejn wieħed u ieħor x'inhu t-*turnover* jew il-volum ta' negozju li kellha l-kumpannija intimata matul iż-żmien rilevanti. Ċifra waħda[11] biss tissemma fl-atti kollha mressqa, u din hija ċifra ta' dejn li l-kumpannija intimata eżekutanti għandha ma' kumpannija oħra. Mill-bqija, skiet assolut;

---

[9] Ara P.A. RCP **29.11.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Vincent Merċieca vs George Galea***

[10] Ara, per eżempju, PA GV **6.12.1999** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Salvino Farruġia noe vs Exalco Holdings Ltd.***

[11] Msemmija f'wieħed mid-dokumenti mehmuża mal-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni 1571/08JA

Illi f'qagħda bħal din, għalkemm il-Qorti ma taċċettax is-sottomissjoni tal-intimata li d-determinazzjoni tas-somma xierqa tista' ssir biss u invarjabilment matul is-smigħ tal-kawża fil-mertu, min-naħa l-oħra, li kieku kellha taqbad u tirrevedi s-somma kawtelata fuq bażi ta' *arbitrio boni viri*, se' jkollha tagħmel dan fil-għama u x'aktarx b'mod arbitrarju. Nuqqas m'għandux jitgħatta b'ieħor;

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti jidhrilha li l-ammont imsemmi mill-eżekutanti fil-Mandat la jidher li huwa irraġonevoli u lanqas eċċessiv;

Illi għal din ir-raġuni wkoll il-Qorti ma ssibx li t-talba tar-rikorrenti fuq din il-kawżali hija mistħoqqa;

Ċ) <u>Jintwera li fiċ-ċirkostanzi m'huwiex raġonevoli li l-mandat jinżamm fis-seħħ jew li huwa ġustifikabbli</u> [Art. 836(1)(f)]. Dwar din il-kawżali, r-rikorrent qiegħed jirreferi għal waħda mill-affarijiet maqbuda bis-saħħa tal-Mandat. Fost il-ħwejjeġ li l-intimata eżekutanti talbet li jinqabdu kien hemm karozza reġistrata IVN-307. Mir-riferta mehmuża mal-Mandat, dik il-karozza nqabdet waqt l-eżekuzzjoni u ttieħdet minn idejn ir-rikorrent. Ir-rikorrent, madankollu, jistrieħ fuq il-fatt li l-karozza ma kinitx fuq ismu iżda hija ġid tal-intimata eżekutanti nnifisha. Għalhekk jgħid li kreditur ma jistax jaqbad b'Mandat ħwejġu stess u għalhekk, safejn il-Mandat sar fuq dik il-karozza, m'huwiex raġonevoli li jibqa' fis-seħħ u l-karozza għandha tinħeles mill-effetti tal-Mandat;

Illi l-intimata twarrab dan l-argument u tgħid li mkien ma ssib fil-liġi li Mandat ta' Qbid ma jistax isir fuq ħwejjeġ tal-kreditur innifsu, l-iżjed jekk dawn ikunu f'idejn id-debitur tiegħu;

Illi l-Qorti ssib li r-rikorrent ma jistax jinqeda bid-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu biex iħassar l-effetti tal-Mandat. Jekk il-karozza ma kinitx tiegħu m'għandux l-interess ġuridiku li jitlob it-tħassir tal-Mandat. Minbarra dan, huwa aċċettat li f'każ li xi ħaġa li tinqabad waqt l-eżekuzzjoni ta' Mandat ma tkunx ħaġa tad-debitur

eżekutat, ir-rimedju m'huwiex it-tħassir tal-Mandat li jkun iżda t-tħassir tal-eżekuzzjoni tiegħu safejn jolqot dik il-ħaġa[12]. Tħassir bħal dak isir fuq talba tas-sid tal-ħaġa b'kawża apposta u mhux mid-debitur eżekutat[13];

Illi fuq dan il-mottiv ukoll, il-Qorti jkollha ssib li r-rikorrenti ma tahiex raġuni tajba biex tħassar il-Mandat in kwestjoni;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tipprovdi dwar ir-Rikors tar-rikorrent eżekutat billi:

**Tiċħad it-talbiet** tiegħu għat-tħassir tal-Mandat billi r-raġunijiet miġjuba 'l quddiem ma jirriżultawx mistħoqqa. Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent eżekutat.

Mogħti kameralment illum, is-26 ta' Jannar, 2009.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[12] P.A. TM **18.2.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Josephine Cutajar vs Arva Insurance Agency Ltd noe***

[13] P.A. TM **23.6.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Alf Mizzi & Sons (Marketing) Ltd vs Joseph Paċe***